MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 811/2010

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Jean Pierre Vella, u b'digriet tal-4 ta' Novembru 2010 Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Madeline Firman gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil assenti Jean Pierre Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-11 ta' Awwissu 2010 li jghid hekk:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt tal-11 ta' Frar 2004, in atti Nutar Dottor Maurice Gambin (Dok. "A", u fl-iskrittura privata datata 3 ta' Novembru 2003 (Dok. "B"), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Jean Pierre Vella;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Jean Pierre Vella fis-somma ta' mija u sitta u ghoxrin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€126,788.25) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* ta' Jean Pierre Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ”C1 sa C4”, Dok. ”D1 sa D4” u Dok. ”E1 sa E2”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-29 ta' Mejju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokument ”A” u ”B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jean Pierre Vella;

(a) naqas milli jhallas il-pagmaent dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jean Pierre Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;

Illi l-konvenut Jean Pierre Vella gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' April 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. ”F”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibita bhala Dokument ”A” u ”B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jean Pierre Vella (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u

skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jean Pierre Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu lis-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lil Jean Piere Vella jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€126,788.25) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Jean Pierre Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4", Dok. "D1 sa D4" u Dok. "E1 sa E2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-29 ta' Mejju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat li l-intimat ma giex notifikat fl-indirizz indikat u illi fir-riferta jirrizulta li certa Louise Vella ddikjarat lil marixxall li l-intimat jinsab imsiefer fuq xoghol, li ilu erba snin u ma tafx meta gej lura;

Rat li gew nominati Dr. Simon Micallef Stafrace u Prokuratur Legali Madeline Firman kuraturi deputati ghall-assenti intimat b'digriet tal-4 ta' Novembru 2010;

Rat illi fir-risposta taghhom, il-kuraturi deputati ddikjaraw li mhux edotti mill-fatti u rriservaw li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigi edotti mill-fatti;

Rat ix-xiehda u dokumenti esebiti, senjatament ix-xiehda ta' Romuald Attard rapprezentant tas-socjeta' attrici, li ddikjara illi l-intimat ma hallas xejn minn dak pretiz mis-socjeta' attrici fir-rikors guramentat taghha;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. F annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimat), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------